**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Erbgha, 25 ta' April, 2018**

Numru

**Rikors Guramentat Nru. 953/2017**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Dr Simon Micallef Stafrace u P.L. Nadine Farrugia**
**nominati kuraturi deputati in rapprezentanza**
**tal-assenti Kevyn Brian Short**
**b'digriet tal-31 ta' Jannar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-18 ta' Ottubru, 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-intimat inghata self mill-Bank rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u hamsin elf, disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm58,950) illum ekwivalenti ghal mija u sebgha u tletin elf, tlett mija u sittax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€137,316.56) ai termini ta' kuntratt maghmul in atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Att Nru. 538/2004) tas-27 ta' Awwissu, 2004 (kopja tal-att notarili qed jigi anness bhala Dok. HSBC1);

2. Illi l-intimat effettwa biss pagamenti parzjali (li gew qabel xejn allokati ghal interessi illi lahqu ddekorrew) u ma baqax jonora l-hlasijiet miftehma, b'dan illi l-ahhar pagament li sar kien fit-12 ta' April, 2010. Ghaldaqstant ai termini tal-'General Conditions Regulating Loans', formanti parti mis-Sanction Letter tas-11 ta' Awwissu, 2004 relattiva ghall-facilita moghtija, senjatament il-klawsola 14 - "Events of Default" (Dok. HSBC2) l-intimat tilef il-beneficcju taz-zmien;

3. Illi mal-bilanc tas-somma originarjament avvanzata jehtieg illi jizdiedu ammonti ohra konsistenti fi hlasijiet dovuti fir-rigward ta' zewg poloz ta' assigurazzjoni, liema hlasijiet gew effetwati mill-istess loan account li jghajjat lill-intimat (Home Loan

Account Numru 16069990) u allura zdiedu mal-ammont dovut, b'dan illi s-somma globali dovuta sal-14 ta' Marzu, 2017 b'rabta mal-kont surriferit tammonta ghal mitejn u wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u tlieta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (221,793.20) li minnhom mija u tlieta u erbghin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro punt wiehed u sittin centezmu (€143,823.61) jirraprezentaw il-kapital u €77,969.59 jirraprezentaw imghax mahdum sal-14 ta' Marzu 2017 (ara Dok. HSBC3) oltre mghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja (8%) fil-mija fuq il-kapital mil-15 ta' Marzu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

4. Illi inoltre huma dovuti interessi bir-rati pattwiti;

5. IIli permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru, 2011 bin-numru 3598/2011, id-debitur gie debitament notifikat illi huwa kien iddekada mill-beneficcju taz-zmien moghti lilu u li l-bilanc intier tas-self, inkluz l-imghaxijiet li akkumulaw (u li gew ikkalkulati sal-4 ta' Ottubru, 2010), kien sar dovut kollu f'daqqa (Dok. HSBC4);

6. Illi ghalhekk, l-intimat huwa prezentement debitur tal-bank rikorrenti fl-ammont shih ta' mitejn u wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u tleta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€221,793.20), konsistenti in kwantu ghat mija u tlieta u erbghin elf tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u wiehed u sittin centezmu (€143,823.61) bhala kapitali u in kwantu ghal sebgha u sebghin elf disa' mija u disgha u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu (€77,969.59) f'imghaxijiet li lahqu iddekorrew sal-14 ta' Marzu, 2017 u cioe sad-data tal-istatement HSBC3 oltre mghaxijiet ulterjuri;

7. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluz permezz tal-ittri ufficjali ga msemmija mibghuta lill-intimat nhar it-8 ta' Novembru, 2011, l-intimat baqa' inadempjenti;

8. Illi ghal kull buon fini jinghad illi ghalkemm l-intimat ghandu passaport Ingliz u ghamel zmien residenti f'Malta, l-ahhar kuntatt mal-Bank rikorrenti kien fl-2010 meta l-intimat kien jghix f'indirizz f'Dordrech, l-Olanda. Kemm hu hekk, meta l-Bank rikorrenti pprezenta l-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru, 2011, huwa talab il-hatra ta' kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-intimat fl-atti tal-ittra ufficjali, liema talba giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza fil-konfront tal-intimat;

Ghaldaqstant il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:

[i] Tiddikjara illi l-intimat ma onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-beneficcju taz-zmien;

[ii] Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u tlieta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€221,793.20) ammont globali b'rabta mal-Home Loan Account Numru 16069990 dovut ai termini tal-kuntratt ta' self bejn il-partijiet, u konsistenti in kwantu ghas-somma ta' mija u tlieta u erbghin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u sittin centezmu (€143,823.61) rapprezentanti kapital u in kwantu ghas-somma ta' sebgha u sebghin elf, disa' mija u disgha u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu

(€77,969.59) f'imghaxijiet ikkalkulati sal-14 ta' Marzu, 2017, oltre imghaxijiet legali ulterjuri mill-15 ta' Marzu 2017 bit-rata ta' 8% fis-sena sal-pagament effettiv;

[iii] Tikkundanna lill-intimat jhallas lill-bank rikorrenti s-somma totali ta' mitejn u wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u tlieta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€221,793.20) dovuta kif fuq spjegat;

Bl-imghax fuq is-somma globali mitluba u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali succitati kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw lil assenti irrispondew li mhux edotti mill-fatti.

Rat l-atti u l-affidavit ta' Doreen Cunningham, rapprezentat tal-bank HSBC;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-affidavit ta' Doreen Cunningham li tahdem fid-dipartiment tar-recoveries tal-bank attur illi l-konvenut kien debitur tal-bank ghal bilanc ta' self maghmul lilu skond kuntratt atti Nutar Bartolomew Micallef tas-27 ta' Awwissu 2004 liema bilanc jammonta ghal €143,823.61 u €77,969.59 imghax semplici fuq il-kaptial sal-14 ta' Frar 2017, ghalkemm dan jidher li hu zball billi l-imghax hu komputat sal-14 ta' Marzu 2017. Il-konvenut naqas li jhalli r-rati mensili u ghalhekk ittiehdu proceduri legali permezz ta' ittra ufficjali biex il-konvenut ihallas altrimenti jittiehdu passi gudizjarji. Il-bank fetah il-kawza prezenti u qed jitlob imghaxijiet ulterjuri legali bir-rata ta' 8% mill-15 ta' Marzu 2017 il-quddiem sal-pagament effettiv. Dawn ic-cifri jirrizultaw mid-dokumenti esebiti (Dok. HSBC2 u HSBC3).

Doreen Cunningham stqarret u spjegat li l-bank baqa' jhallas il-house u life insurance fl-ammont ta' €167.83 fis-sena bejn Ottubru 2010 u Ottubru 2016 bl-imghax ta' 8% mill-15 ta' Marzu 2017, liema ammonti huma riflessi fl-ammont mitlub kif spjegat aktar il-fuq.

Il-Qorti tqis illi l-kuntratt ta’ self u provi dwar l-ammonti u bilanci dovuti gew pruvati sodisfacentement mill-bank attur u l-konvenut bl-ebda mod ma ikkontrasta jew cahad dawn il-pretensjonijiet.

**Decide**

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-bank attur u tikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u tlieta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€221,793.20) ammont globali b'rabta mal-Home Loan Account Numru 16069990 dovut ai termini tal-kuntratt ta' self bejn il-partijiet, u konsistenti in kwantu ghas-somma ta' mija u tlieta u erbghin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u sittin centezmu (€143,823.61) rapprezentanti kapital u in kwantu ghas-somma ta' sebgha u sebghin elf, disa' mija u disgha u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu (€77,969.59) f'imghaxijiet ikkalkulati sal-14 ta' Marzu, 2017, oltre imghaxijiet legali ulterjuri mill-15 ta' Marzu 2017 bit-rata ta' 8% fis-sena sal-pagament effettiv; bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur